# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021**

**Talba Nru. 196/2020 JG**
**Numru fuq il-Lista: 2**

**Antonia K/A Tanya Mifsud (ID 0333379(M))**

**Vs**

**No Deposit Cars Malta Limited (C85780) u Christian Borg (ID 315493(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 t'Awwissu, 2020, permezz ta' liema, l-attriċi talab lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuti jirrifondu lill-attriċi l-ammont ta' erbat elef, ħames mija u sebgħin Ewro (€4,570.00), ammont imħallas bħala diversi pagament magħmula abbażi ta' kuntratt rigwardanti trasferiment ta' vettura[1].

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenut Christian Borg[2], fejn apparti diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, permezz ta' eċċezzjonijiet fil-mertu saħaq lit-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta No Deposit Cars Malta Limited (C 85780)[3] fejn din laqgħet għat-talba attriċi essenzjalment bl-istess mod bħall konvenut Borg;

Ra dak reġistrat fil-verbal tad-19 ta' Novembru 2020[4] fejn *inter alia* t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jqajjem *ex officio* eċċezzjoni tal-inkompetenza tiegħu fuq bażi *rationae valoris*. Dakinhar, il-proċediment ta' din it-talba ġiet stradata bil-mod hemm indikat, fis-sens li l-ewwel kellhom jiġu deċiżi l-eċċezzjoni mressqa *ex officio* u l-eċċezzjonijiet rigwardanti l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materie* imqanqla mill-konvenuti.

Ra dak reġistrat fil-verbal tal-10 ta' Diċembru 2020[5] fejn l-konvenuti qalu li l-unika prova tagħhom rigwardanti dawn l-eċċezzjonijiet kienet il-preżentata tal-kuntratt bejn il-kontendenti. Dakinhar ukoll ġie ordnat lit-trattazzjoni magħmula kellha tiġi reġistrata, kif fil-fatt sar.

Sema t-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-partijiet[6];

---

[2] A fol 7 *et seq.*
[3] A fol 8 *et seq.*
[4] A fol 10.
[5] A fol 11.
[6] Debitament reġistrata u traskritta u li tinsab a fol 13 *et seq.*

Ra n-nota ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2020[7], bil-visto tad-difensur tal-attriċi, kontenenti l-kuntratt bejn il-kontendenti;

Ra l-atti proċesswali kollha;

Ikkunsidra;

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt hawn fuq mogħti, din id-deċiżjoni titratta l-eċċezzjonijiet preliminari rigwardanti l-kompetenza ta' dan it-Tribunal kemm fuq bażi *rationae materie* sollevati mill-konvenuti fir-risposti separati tagħhom, kif ukoll fuq l-eċċezzjoni imqajma *ex officio* u ċioé l-inkompetenza tiegħu *ratione valoris.*

Illi qabel mat-Tribunal jindaga dawn l-eċċezzjonijiet fis-sustanza tagħhom, jinħass opportun li jissofferma ruħu momentarjament fuq dak li seħħ fl-ewwel seduta ta' din it-talba u ċioé meta t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jqajjem hu stess eċċezzjoni ta' din ix-xorti.

Illi kif illum huwa hekk approvat b'maġġoranza mill-Qrati tagħna, l-eċċezzjoni rigwardanti  kompetenza hija materja ta' ordni pubbliku. F'każ ta' dubju t-Tribunal għandu id-dover li jissolleva l-istess eċċezzjoni huwa stess jekk dejjem din ma tkunx ġiet imqanqla formalment minn xi parti[8].

[7] A fol 16.
[8] Artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi peró, it-Tribunal jgħid li l-ebda parti ma għandha tkun sorpriża b'eċċezzjoni mqanqla b'dan il-mod[9]. Kien għalhekk illi fl-ewwel smiegħ it-Tribunal mexa bil-mod kif reġistrat biex b'hekk kull parti mill-bidu kellha l-opportunità li tressaq il-provi u tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, u dan anke peress li dawn il proċeduri bi qbil mal-partijiet kienu ġew stradati b'dan il-mod. B'dan kollu, t-Tribunal mhuwiex qiegħed ifiehem li eċċezzjoni simili trid tiġi mqajjma minn Tribunal jew Qorti fl-ewwel seduta, iżda sempliċiment li kull parti tingħata l-opportunità li jkollha vuċi fuq dik il-kwistjoni, biex b'hekk ma tiġix rinfaċċjata b'argument novell mal-qari ta' deċiżjoni.

Illi reġistrata din l-ispjega qasira, jmiss li dan it-Tribunal jinvestiga l-istess eċċezzjonijiet fis-sustanza tagħhom.

**<u>Eċċezzjoni – Kompetenza *Rationae Valoris*</u>**

Illi jingħad li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal huwa radikat bl-artikolu tlieta (3) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu jispjega li t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), u dan mingħajr ħsara għas-subinċiż ħamsa (5) tal-istess artikolu.

Illi fit-talba li għandu quddiemu t-Tribunal, l-ammont mitlub m'huwiex sempliċi bilanċ minn ammont ulterjuri, fejn ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuq l-istess. Li

[9] *Vide* f'dan is-sens s-sentenza fl-ismijiet **<u>Kevin Chircop vs Joseph Chircop,</u>** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), App Ċiv Nru: 2760/1997/1, nhar il-1 ta' Diċembru 2006.

kieku ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar it-totalitá ta' kuntratt, t-Tribunal kien jimxi mod ieħor[10].

Illi għalkemm *prima facie* wieħed jista jifhem lit-talba odjerna tikkonċerna rifużjoni t'ammont li huwa fil-kompetenza tal-istess Tribunal, fil-veritá dak li qiegħed jintalab, u kif anki jemerġi mill-linja difensjonali adoperata mill-konvenuti huwa eżami ta' ksur ta' kuntratt, liema kuntratt għandu valur ferm oltre dak li jista jeżamina dan it-Tribunal. Ukoll, hija l-attriċi stess li fil-premessi tiddikjara wkoll lir-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza sejra tirrikjedi eżami ta' jekk il-konvenuti (u allura anke l-attriċi stess) onorawx l-obbliggi assunti minnhom.

Illi l-valur totali li jemerġi mill-kuntratt eżebit huwa ta' wieħed u għoxrin elf Ewro (€21,000).

Illi din m'hijiex l-ewwel darba li kwistjonijiet simili ġew deċiżi mill-Qrati tagħna[11].

Illi essenzjalment dak li qiegħed jintalab jindaga dan it-Tribunal huwa jekk il-konvenuti, jew min minnhom, kienux inadempjenti fl-obbligi assunti minnhom skond l-istess kuntratt. Huwa biss f'dak il-każ li wieħed jista jordna r-rifużjoni kif

---

[10] F'dan is-sens hekk mexa dan it-Tribunal kif presedut fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuel Spiteri vs Christopher Micallef,** Talba Nru: 14/2019, nhar il-25 ta' Jannar 2021.

[11] *Inter alia* issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze vs Rita Borg,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Avv Nru: 1641/99, deċiża nhar it-23 ta' Frar 2001. Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Saviour sive Sammy Mercieca et vs Carmel sive Charlie Galea,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Ċivili (Għawdex), Appell Ċivili Għawdex Nru: 60/2000/1, deċiża nhar it-12 ta' Diċembru 2002. Aktar riċentement imbagħad, din l-istess eċċezzjoni ġiet ukoll milqugħa b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet **240 Limited vs Malta Amateur Athletic Association**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Appell Civili Numru. 1027/2011/1, deċiża nhar il-11 ta' Ottubru 2012.

mitluba. Sabiex isir jekk, it-Tribunal jrid jinoltra ruħu f'kuntratt li għandu valur ferm oltre l-limiti tal-kompetenza tiegħu, u għalhekk qiegħed jiddikjara ruħu nkompetenti *rationae valoris* sabiex jisma din it-talba.

Illi ġialdarba dan it-Tribunal qiegħed jiddikjara ruħu nkompetenti minħabba l-kunsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq, ma tinħassx il-ħtieġa li jindaga ruħu aktar fuq l-eċċezzjonijiet mressqa formalment mill-konvenuti rigwardanti l-aspett *rationae materie*.

Illi t-Tribunal jgħid mingħajr ebda mistħija li ħaseb fit-tul fuq il-pass li issa jmiss.

Illi dan qiegħed jingħad għaliex qamet mistoqsija f'moħħ it-Tribunal fuq il-proċedura li għandha tintuża f'ċirkostanzi simili. Dan qiegħed jingħad għaliex għalkemm l-artikolu rilevanti[12] hekk kif riċentement emendat[13] issa jagħti lil dan it-Tribunal l-istess fakultà li kellha Qorti sabiex titrassmetti atti permezz ta' digriet *in camera*, huwa magħruf ukoll li deċiżjoni rigwardanti ġurisdizzjoni jew kompetenza trid issir fil-forma ta' sentenza. Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fi bnadi differenti tiegħu, juri li tali deċiżjoni għandha tingħata b'dan il-mod[14].

Illi in oltre, jidher, anke probabbilment għaliex din il-kwistjoni għada kemmxejn riċenti, li diversi Qrati u anke dan it-Tribunal skond kif ikun presedut juża proċedura differenti. Hemm drabi fejn l-ordni tat-trasmissjoni issir fil-parti deċisorja u drabi oħra fejn d-deċiżjoni kollha, inkluż dik fuq il-kompetenza, tiġi deċiża permezz ta' digriet biss.

---

[12] Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[13] ATT Nru XXXII tal-2018.
[14] *Vide* l-artikolu 234 u l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal ra li anke il-Qorti tal-Appell (Superjuri) tordna t-trasmissjoni tal-atti fid-*decide*. Hemmhekk peró t-Tribunal jifhem li r-riperkussjonijiet jkunu differenti u ta' natura inqas milli deċiżjonijiet magħmula in prima stanza.

Illi t-Tribunal ħaseb fit-tul fuq din il-kwistjoni u wara debita riflessjoni jemmen li filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-kompetenza o meno għandha tingħata permezz ta' sentenza, l-att ta' trasmissjoni jsir permezz ta' digriet. Huwa permezz ta' dak id-digriet li Qorti, Bord jew Tribunal jibgħat proċeduri lil Qorti, Bord jew Tribunal, skond ma jkun il-każ, li jidhirlu għandu l-kompetenza meħtieġa. Huwa dak id-digriet li m'huwiex appellabbli mil-partijiet, u jidher li għalhekk ġiet imfassla proċedura fejn il-Qorti, Bord jew Tribunal riċeventi tista titlob hi parir fuq jekk fil-fatt il-Qorti, Bord jew Tribunal magħżula għandhomx kompetenza biex ikomplu jisimgħu dawk il-proċeduri.

Illi t-Tribunal jsib komfort ukoll f'deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li wkoll mxiet b'dan il-mod[15]. Riċentement, anke il-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) utilizzat l-istess raġunament u applikat din il-proċedura[16].

Għaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiddeċiedi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti rigwardanti n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materie* qiegħed jiddikjara ruħu nkompetenti *ratione valoris* sabiex jisma u jiddeċiedi din it-talba u salv għad-digriet mogħti *in camera* ai termini tal-artikoli 741(b) u 741(d)

---

[15] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **<u>Eagle K-Wear Company Limited et vs. Kummissarju tat-Taxxi</u>**, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, Rik Ġur Nru: 84/2019GM, deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2020.

[16] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **<u>RX Construction Limited Vs Jesmond Friggieri</u>**, Rik Nru: 231/2019, deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2021.

tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li qiegħed jingħata kontestwalment, qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

Spejjeż riżervati għal ġudizzju finali skond kif ikun deċiż mill-Qorti riċeventi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur